VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,702, 23 ta' Diċembru, 2016
Taqsima B

A.L. 429 tal-2016

ATT DWAR L-INTRAPRIŻA TA' MALTA
(KAP. 463)

Regolamenti tal-2016 dwar Servizzi ta' Appoġġ għan-Negozju tal-Familja

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar f'konsultazzjoni mal-Korporazzjoni tal-Intrapriża ta' Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2016 dwar Servizzi ta' Appoġġ għan-Negozju tal-Familja.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jiġu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2017.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:

Kap. 463.

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta;

"korporazzjoni" tfisser l-Intrapriża ta' Malta stabbilita taħt l-Att;

"linji gwida" tfisser dawk il-linji gwida kif jistgħu jiġu ppubblikati mill-Korporazzjoni minn żmien għal żmien skont l-Att;

Kap. 565.

"negozju tal-familja" tfisser negozju reġistrat mar-Regolatur skont l-Att dwar in-Negozji tal-Familja u għandu ċertifikat aġġornat maħruġ mir-Regolatur għan-Negozji tal-Familja.

Għajnuna biex jiġu appoġġati n-negozji tal-familja

3. Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta li n-negozju huwa kklassifikat bħala negozju tal-familja, l-Korporazzjoni tista' tipprovdi tali Negozju tal-Familja b'għotja ta' flus li m'għandux jeċċedi l-ammont ta' erbat elef u ħames mitt euro (€4,500) kull sena skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Linji Gwida.

Skadenza għat-tressiq ta' applikazzjoni għal għajnuna

4. Applikazzjonijiet għal assistenza taħt dawn ir-regolamenti għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru, 2020.